MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 43/2024 LM

**Andreas Arnaoutis (K.I. Ċiprijotta numru 1028601)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Smartlynx Airlines Malta Limited (C 90013)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Smartlynx Airlines Malta Limited (C 90013)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni *in parte* mogħtija fid-19 t'April, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'],

li ddeċieda it-talbiet tar-rikorrent **Andreas Arnaoutis (K.I. Ċiprijotta numru 1028601)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] fil-konfront tagħha, kif ġej:

> *"Jiddikjara li:*
>
> *1. Il-Kap. 452 75(2)(3) jelenka l-metodu ta' kif għandu jiġi ppreżentat każ ta' tkeċċija inġusta quddiem it-Tribunal liema metodi kienu osservati mir-rikorrenti;*
>
> *2. Il-Kap. 452 78(2)(3) jagħti d-dritt lit-Tribunal biex jirregola proċedura tiegħu stess u dan jagħmlu billi jieħu ħsieb li jiżgura li l-ġustizzja ssir skont il-merti u tas-sustanza tal-każ u bla ħsara għar-regoli tal-ġustizzja naturali;*
>
> *3. Ir-rappreżentanti tar-rikorrenti Dr Christine Calleja iddikjarat ċar fl-atti li hi assumiet ir-responsabbilità kollha bħala mandatarja tar-rikorrenti għall-fini tal-liġi fil-każ li dan ikun meħtieġ;*
>
> *Ifakkar li t-Tribunal min-natura tal-ħidma tiegħu għandu jkun flessibli biex l-ekwità tkun assigurata,*
>
> *Għalhekk it-Tribunal jiddeċiedi li jiċħad it-talba tas-soċjetà għan-nullità tal-każ u jkompli bil-każ."*

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat minnu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa kien impjegat mas-soċjetà intimata permezz ta' kuntratt ta' impjieg indefinit bid-data tas-16 ta' Settembru, 2022 fir-rwol ta' *Outstation Material Supply Liaison Officer,* u żied jgħid li l-kuntratt ta' impjieg tiegħu kien regolat bil-liġi Maltija. Qal li permezz ta' *email* mibgħuta lilu fit-8 ta' Settembru, 2023, huwa ġie infurmat li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat minħabba *redundancy,* liema *redundancy* ir-rikorrent qal li jixtieq jikkontesta. Ir-rikorrent qal li huwa mhux biss qiegħed jikkontesta l-fatt li r-raġuni għat-tkeċċija kienet dik tat-tneħħija tal-pożizzjoni ta' *Outstation Material Supply Liaison Officer,* iżda

wkoll irid jikkontesta l-mod inġust kif ġie tterminat l-impjieg tiegħu, peress li huwa ma ngħata l-ebda avviż dwar it-tneħħija tal-pożizzjoni li huwa kien jokkupa.

3. Is-soċjetà intimata wieġbet li r-raġuni għat-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg kienet *redundancy* ġenwina, li ġiet spjegata lir-rikorrent kif mistħoqq. Eċċepiet preliminarjament li r-rikors promutur huwa null għaliex ir-rikorrent, ċittadin ta' Ċipru u assenti minn Malta, ma ħatarx mandatarju *ad litem* f'Malta sabiex jippreżenta r-rikors promutur f'ismu. Is-soċjetà intimata eċċepiet ukoll li r-rikors promutur huwa null għaliex ma fihx lista ta' xhieda, u l-prova li r-rikorrent beħsiebu jressaq permezz ta' kull xhud, u dan bi ħsara għad-dritt ta' difiża tagħha. Is-soċjetà intimata eċċepiet ukoll li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet riżultat ta' *redundancy ai termini* tal-liġi, u dan kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-każ, kif ukoll li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. It-Tribunal, permezz ta' deċiżjoni *in parte* mogħtija fid-19 t'April, 2024, iddeċieda li l-eċċezzjoni preliminari mressqa mis-soċjetà intimata, għandha tiġi miċħuda, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "*It-Tribunal ra l-eċċezzjoni preliminari fir-rikors tal-esponenti soċjetà Smartlynx Airlines Malta Ltd (C 90013) data 24 ta' Jannar, 2024 u l-aggravju li skont is-soċjetà ma nħatarx mandatarju mill-attur Andreas Arnaoutis meta kellu jagħmel dan;*
>
> *Sema' l-argumenti tas-soċjetà dwar l-istess aggravju;*
>
> *Sema' l-argumenti kuntrarji tar-rikorrenti;*

*Jiddikjara li:*

*1. Il-Kap. 452 75(2)(3) jelenka l-metodu ta' kif għandu jiġi preżentat każ ta' tkeċċija inġusta quddiem it-Tribunal liema metodi kienu osservati mir-rikorrent;*
*2. Il-Kap. 452 78 (2)(3) jagħti d-dritt lit-Tribunal biex jirregola l-proċedura tiegħu stess u dan jagħmlu billi jieħu ħsieb li jiżgura li l-ġustizzja ssir skont il-merti u tas-sustanza tal-każ u bla ħsara għar-regoli tal-ġustizzja naturali;*
*3. Ir-rappreżentant tar-rikorrenti Dr Christine Calleja iddikjarat ċar fl-atti li hi assumiet ir-responsabbilità kollha bħala mandatarju tar-rikorrenti għall-fini tal-liġi fil-każ li dan ikun meħtieġ;*

*Ifakkar li t-Tribunal min-natura tal-ħidma tiegħu għandu jkun flessibbli biex l-ekwità tkun assigurata;*

*Għalhekk it-Tribunal jiddeċiedi li jiċħad it-talba tas-soċjetà għan-nullità tal-każ u jkompli bil-każ."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fil-21 ta' Mejju, 2024, is-soċjetà intimata talbet lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-appell tagħha billi tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni *in parte* tat-Tribunal Industrijali tad-19 t'April, 2024, u dan prevja l-akkoljiment tal-eċċezzjoni preliminari dedotta waqt il-proċeduri quddiem it-Tribunal.

6. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata meta t-Tribunal ċaħad l-eċċezzjoni preliminari mressqa minnha, u qalet li t-Tribunal interpreta l-liġi ħażin in kwantu ddeċieda li mhux marbut li jsegwi r-regoli tal-proċedura a tenur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u t-Tribunal interpreta l-liġi ħażin meta ddeċieda li l-assenza tal-appellat minn Malta fil-mument tal-preżentata tar-rikors tiegħu tal-21 ta' Diċembru, 2023, ma jġibx in-nullità tar-rikors.

7. L-appellanta qalet li l-pożizzjoni li ħa t-Tribunal hija waħda skorretta, u għalkemm huwa minnu li l-leġislatur ta l-fakoltà lit-Tribunal li jirregola l-proċedura tiegħu stess, madankollu ma jsegwix li t-Tribunal jopera f'vakwu proċedurali fejn jista' jagħmel li jrid, u ma josservax ir-regoli stabbiliti fil-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, speċjalment jekk il-Kap. 452 ma jvarjax dawn ir-regoli. L-appellanta qalet li l-pożizzjoni adottata mit-Tribunal iġġib kaos proċedurali, u m'hija ta' benefiċċju għal ħadd, u li huwa importanti li l-partijiet fi proċeduri quddiem qorti jew tribunal ikollhom element ta' ċertezza dwar kif ser taħdem il-liġi tal-proċedura. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Peter Agius *vs.* Melita plc**., deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Ottubru, 2009, sabiex issostni l-fehma tagħha li t-Tribunal żbalja meta ddeċieda li l-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsib l-ebda applikazzjoni fil-proċeduri quddiem it-Tribunal.

8. L-appellanta qalet li b'mod ġenerali, ir-regoli ta' proċedura għandhom isibu applikazzjoni mit-Tribunal, sakemm dawn mhumiex esklużi jew varjati bil-provvedimenti tal-Kap. 452. Qalet li l-artikolu 180 tal-Kap. 12 jipprovdi li min jippreżenta att ġudizzjarju, għandu jkun preżenti fil-ġurisdizzjoni Maltija fil-mument tal-preżentata tal-att, u jekk ma jkunx hekk, l-att għandu jiġi ppreżentat permezz ta' mandatarju jew prokuratur, u f'każ li dan ma jsirx, l-att għandu jiġi ritenut null. L-appellanta qalet li din il-prassi għandha l-aspetti prattiċi u ekwi tagħha. Żiedet tgħid li mir-rikors promotur, jirriżulta li r-rikorrent ma kienx preżenti f'Malta meta ġie ppreżentat ir-rikors promotur, u lanqas ma ġie ppreżentat minn mandatarju *ad litem* f'ismu, u qalet li għalhekk dan għandu jitqies li huwa null.

**Ir-Risposta tal-Appell**

9. L-appellat fir-risposta tiegħu, wieġeb li minn qari tad-deċiżjoni tat-Tribunal, minn imkien ma jirriżulta dak allegat mis-soċjetà appellanta. Qal li fid-deċiżjoni m'hemm l-ebda stqarrija jew indikazzjoni li t-Tribunal huwa liberu li jinjora l-provvedimenti tal-Kap. 12 kif allegat, jew li t-Tribunal żbalja in kwantu kkonkluda li l-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsib l-ebda applikazzjoni fil-proċeduri quddiem it-Tribunal. L-appellat qal li minn qari tad-deċiżjoni għandu jirriżulta li t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dak li jipprovdi l-Kap. 452, li hija liġi speċjali li tirregola każijiet ta' allegata tkeċċija inġusta. L-appellat qal li t-Tribunal irrefera għall-artikolu 75(2) u (3) tal-Kap. 452 dwar kif għandu jiġi ppreżentat rikors sabiex jinfetaħ każ quddiem it-Tribunal, u kkonkluda li din il-proċedura ġiet segwita, u dan sar ukoll b'applikazzjoni tal-prinċipju *lex specialis derogat generalis.* L-appellat saħaq li t-Tribunal ma kellux għalfejn jirreferi għall-Kap. 12, għaliex il-Kap. 452 jipprovdi kif għandhom jiġu istitwiti kawżi quddiemu, u dan ma wassalx biex it-Tribunal b'xi mod ikkonkluda li l-Kap. 12 ma japplikax fl-intier tiegħu. L-appellat qal li l-proċedura fl-artikoli 75(2) u (3) tal-Kap. 452 ġiet segwita, u dan kien biżżejjed biex l-eċċezzjoni preliminari ta' nullità imressqa mis-soċjetà appellanta tiġi miċħuda.

10. L-appellat sostna li t-Tribunal xtaq imur oltre, u kkwota dak li jipprovdi l-Kap. 452 fl-artikolu 78(3), jiġifieri li t-Tribunal għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess, u dan sabiex it-Tribunal jiżgura li ssir ġustizzja skont il-mertu tas-sustanza tal-każ, mingħajr ħsara għall-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Qal li sakemm il-Kap. 452 ma jipprovdix mod ieħor, it-Tribunal huwa liberu li jadotta dawk il-prinċipji li jidhirlu li huma ġusti sabiex jiġi ppreżentat il-każ, sakemm dan

ma jmurx kontra l-Kap. 452 stess. Qal li hemm istanzi fil-Kap. 452, fejn il-leġislatur jistabbilixxi f'liema ċirkostanzi għandu japplika l-Kap. 12, u fejn m'hemm l-ebda riferiment għalih, għandu japplika l-Kap. 452 li jirregola kif għandu jiġi ppreżentat każ ġdid, u l-proċedura li għandha tiġi adoperata mit-Tribunal sakemm din tkun tirrispetta l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u sakemm issir ġustizzja skont il-mertu tal-każ. L-appellat qal li għaldaqstant l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex ġustifikat, u għandu jiġi miċħud.

11. B'riferiment għat-tieni aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta, jiġifieri li t-Tribunal interpreta l-liġi ħażin meta ddeċieda li l-assenza minn Malta tal-appellat fil-mument tal-preżentata tar-rikors promotur, ma ġġibx in-nullità tal-istess rikors, l-appellat qal li jekk wieħed jaqra dak li jgħid l-artikolu 75(2) u (3) tal-Kap. 452, sabiex jiġi istitwit każ ta' allegata tkeċċija inġusta, kull ma jrid isir huwa li l-ħaddiem jinforma lit-Tribunal permezz ta' talba bil-miktub, u jitlob li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet tiegħu. Barra minn hekk tali talba tista' ssir anki minn persuna oħra f'isem il-ħaddiem. Qal li fil-każ preżenti, il-ħaddiem ressaq talba bil-miktub permezz tar-rappreżentant legali tiegħu, u dan skont dak li jipprovdi l-Kap. 452, li jrid li l-proċedura biex ħaddiem jistitwixxi proċeduri fejn jikkontesta tali tkeċċija, jagħmel dan fi żmien erba' xhur. Qal li għal dan l-iskop il-leġislatur ried li tintuża proċedura informali, tant hu hekk li lanqas biss hemm bżonn li l-ħaddiem iqabbad rappreżentant legali sabiex jippreżenta jew imexxi l-każ tiegħu. L-appellat qal li għalhekk kull ma kellu jagħmel kien li jippreżenta dikjarazzjoni bil-miktub, jew direttament jew permezz ta' persuna oħra fi żmien erba' xhur mid-data tat-tkeċċija, kif jipprovdi l-artikolu 75(3) tal-Kap. 452. Qal li sabiex ma jseħħx dak li jissemma mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell

tagħha, li tinħoloq sitwazzjoni fejn ma jkun hawn ħadd f'Malta ma' min jistgħu jiġu kkomunikati l-eċċezzjonijiet, u min jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-każ, ir-rappreżentant legali tal-appellat iddikjarat quddiem it-Tribunal li kienet qiegħda tikkostitwixxi ruħha bħala mandatarja tal-appellat, u dan sabiex la jkun hemm problemi ta' spejjeż u lanqas ta' notifiki. Qal li fil-fatt in-notifika tiegħu saret fl-indirizz tal-uffiċċju legali tal-avukat difensur tiegħu, u ladarba jidher li dan huwa punt kruċjali li fuqu l-appellanta tisħaq fuq il-ħtieġa ta' mandatarju, ma jifdal ebda bażi leġittima biex is-soċjetà appellanta tkompli tinsisti fuq in-nullità tar-rikors promotur. L-appellat qal li anki l-Qrati tagħna diversi drabi saħqu li dak li huwa importanti hu li fil-mument meta jiġu istitwiti l-proċeduri quddiem it-Tribunal, ikun hawn xi ħadd f'Malta li jidher għall-parti assenti. Żied jgħid li in linea ma' diversi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, li huwa importanti hu li l-avukat difensur tiegħu, setgħet titqies bħala l-mandatarja speċjali tiegħu, u għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda kwistjoni ta' nullità tar-rikors promotur. L-appellat iċċita minn deċiżjonijiet tal-qrati tagħna li b'mod kostanti jiddeċiedu li l-eċċezzjoni ta' nullità tingħata f'każijiet speċifiċi u eċċezzjonali u fejn in-nullità ma tkunx tista' tissewwa b'mod ieħor. Qal ukoll li f'dan il-każ m'hemm l-ebda nuqqas li ma jistax jiġi tollerat mingħajr ħsara għall-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u dan għaliex is-soċjetà appellanta m'hija sejra ssofri l-ebda preġudizzju bil-fatt li l-appellat ma kienx f'Malta jew formalment ma ġiex indikat bħala mandatarju fl-okkju tal-kawża, speċjalment meta hemm dikjarazzjoni tagħha li tirrikonoxxi li hija l-mandatarja tiegħu, u għalhekk m'għandux ikun hemm kwistjonijiet marbuta mal-ispejjeż jew man-notifika tiegħu. L-appellat qal ukoll li s-soċjetà appellanta m'għamlet l-ebda riferiment għall-artikolu tal-liġi li taħtu qiegħda tressaq l-eċċezzjoni tagħha għan-nullità tar-rikors promotur.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà intimata fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal Industrijali fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat.

*L-Ewwel Aggravju:* *[It-Tribunal interpreta l-liġi ħażin meta ddeċieda li huwa mhux marbut bil-liġi ta' proċedura fil-Kap. 12]*

13. L-appellanta spjegat li minkejja li t-Tribunal Industrijali għandu l-fakoltà li jirregola l-proċedura tiegħu stess, b'daqshekk ma jfissirx li dan jopera f'vakwu proċedurali, u lanqas ma jfisser li t-Tribunal jista' jinjora dak li jipprovdi l-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanta sostniet li għandu jkun hemm ċertezza dwar il-mod kif ser titħaddem il-proċedura quddiem it-Tribunal Industrijali, u l-appellat kellu jsegwi dawn ir-regoli biex l-att ippreżentat minnu, jitqies li huwa validu.

14. Il-Qorti tibda billi tirrileva li t-Tribunal, fid-deċiżjoni tiegħu, imkien ma qal jew implika li huwa għandu l-libertà li jinjora d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda qal biss li f'dan il-każ ġiet segwita l-liġi speċjali, li hija l-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, il-liġi li tirregola l-proċedura quddiem it-Tribunal f'każijiet ta' tkeċċija inġusta mill-impjieg, kif inhu l-każ odjern. L-artikolu 75(2) tal-Kap. 452 jipprovdi li dak li għandu jsir biex ħaddiem li jiġi mkeċċi mill-impjieg jibda proċeduri quddiem it-Tribunal, hija talba bil-miktub li tista' ssir jew mill-ħaddiem li jallega l-ksur, jew inkella minn xi persuna oħra f'isem u għal dak il-

ħaddiem. Fil-fatt dan huwa dak li sar fil-każ preżenti. Id-dikjarazzjoni tal-każ saret mill-avukat difensur tal-appellat, li fit-trattazzjoni quddiem it-Tribunal iċċarat ukoll li hija qiegħda tidher bħala l-mandatarju tal-appellat sabiex tkun tista' tilqa' l-atti f'ismu, u tagħmel dawk l-affarijiet l-oħra meħtieġa sabiex tkun tista' tirrappreżenta lill-appellat f'dawn il-proċeduri b'mod xieraq. L-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 imbagħad jipprovdi li kull dikjarazzjoni bil-miktub li ssir għandha tinkludi l-fatti kollha tal-kawża, u tali dikjarazzjoni bil-miktub għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data tal-ksur allegat. Fil-każ preżenti anki dan is-sub-artikolu tal-liġi jirriżulta li ġie segwit mill-appellat, u għalhekk din il-Qorti ssibha ferm diffiċli tagħti raġun lis-soċjetà appellanta, speċjalment meta din tonqos milli tippreċiża liema huma d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 12 li ma ġewx osservati mill-appellat meta ressaq il-każ tiegħu. Il-Qorti tqis li f'każ ta' kunflitt bejn dak li jipprovdi l-Kap. 12 u dak li jipprovdi l-Kap. 452, hija l-liġi speċjali li għandha tirregola proċeduri ta' din ix-xorta. Għalhekk ladarba l-appellat mexa strettament ma' dak li jipprovdi l-Kap. 452, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tat-Tribunal f'dan ir-rigward. Fuq kollox jirriżulta li mhux minnu li t-Tribunal qal jew implika li huwa mhux marbut b'dak li jipprovdi l-Kap. 12, iżda qal biss li fiċ-ċirkostanzi, huwa importanti li jiġu osservati d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 452, senjatament l-artikolu 75(2) u (3) tiegħu. Għaldaqstant tqis li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex mistħoqq u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[It-Tribunal Industrijali interpreta l-liġi ħażin meta qal li l-assenza tar-rikorrent minn Malta meta ppreżenta l-kawża, ma ġġibx nullità]*

15. L-appellanta tgħid li f'dan il-każ it-Tribunal Industrijali kien żbaljat meta ma qiesx li l-att huwa null minkejja li dan ġie ppreżentat waqt li r-rikorrent kien assenti minn Malta, u spjegat li dan jammonta għal ksur ta' dak li jipprovdi l-artikolu 180 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-liġi jgħid illi:

> "180 (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181, il-preżentata tal-iskritturi tista' ssir –
>
> (a) Mill-parti stess li tidher fl-isem tagħha nfisha, jew mill-persuna li tidher bħala l-ġenitur tat-tfal taħt is-setgħa tiegħu ta' ġenitur, jew bħala tutur, kuratur, amministratur tal-komunjoni, esekutur, kap ta' dipartiment jew amministratur pubbliku ieħor, jew bħala prokuratur ta' knisja, xirka, sptar, jew ta' istituti piji, jew bħala ekonomu ta' proprjetà f'kawża, jew bħala soċju jew rappreżentant ta' ditta, jew bħala wieħed mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-aritkolu 181A fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, jew bħala aġent jew rappreżentant ta' soċjetà oħra kkostitwita skont il-liġi, jew bħala prokuratur ta' persuni li jinsabu barra mill-Gżira ta' Malta jew ta' Għawdex, li fiha l-iskrittura tiġi ppreżentata;
> (b) Minn prokuratur legali;
> (c) Minn kull soċju ieħor ta' ditta kummerċjali li għaliha l-iskrittura tirreferixxi;
> (d) Minn axxendent, dixxendent tal-parti, ħuha jew oħtha, iz-ziju jew iz-zija, in-neputi jew in-neputija, kwalunkwe wieħed mill-ġenituri ta' kwalunkwe mill-konjugi, kwalunkwe wieħed mill-konjugi tal-ulied, wieħed mill-konjugi, li jkunu għal daqshekk maħtura bħala prokuraturi mill-parti li tidher u li l-firma tagħha hija kontrosenjata skont is-subartikolu (2) tal-artikolu 634;
> (e) Minn kull min ikun parti fil-kawża ma' ħaddieħor;
> (f) Minn avukat, jekk l-iskrittura għandha tiġi ppreżentata f'waħda mill-qrati inferjuri, jew fil-Qorti tal-Appell fil-każijiet ta' appell minn sentenzi tal-qrati inferjuri."

16. Mill-atti jirriżulta ċar li l-iskrittura jew id-dikjarazzjoni tal-każ ġiet ippreżentata mill-avukat difensur tal-appellat, li sussegwentement iddikjarat quddiem it-Tribunal li qiegħda tassumi r-rwol ta' mandatarju tal-appellat.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Hugh Peralta noe *vs.* Dr Mark Camilleri noe**[1], fejn ingħad illi:

> *"Skont il-ġurisprudenza d-difensur ta' parti għandu jitqies bħala mandatarju speċjali tal-klijent tiegħu (ara G. Debono vs G. Debono App. 13 ta' Marzu, 1953 Vol. 37 p.I p. 99). L-avukat huwa mandatarju speċjali tal-klijent ai finijiet tal-kawża."*

17. Huwa ċar għalhekk illi fil-mument tal-preżentata tal-att mill-appellat, dan kien rappreżentat mid-difensur legali tiegħu jew minn mandatarja speċjali, li anki ddikjarat quddiem it-Tribunal li kienet qiegħda tassumi dak ir-rwol. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-proċeduri quddiem tribunali speċjali kostitwit bis-saħħa ta' liġi speċjali, bħal ma hu t-Tribunal Industrijali, huma maħsuba biex ikunu aktar informali mill-proċeduri tal-qrati ordinarji, kemm sabiex l-affarijiet jimxu b'aktar speditezza, kif ukoll għaliex il-ħsieb tal-leġislatur kien li dawn it-tribunali jiddeċiedu l-kawżi fi spirtu ta' ekwità. Il-Qorti tirrileva wkoll li minkejja l-insistenza da parti tas-soċjetà appellanta fuq in-nullità tal-att ippreżentat mill-appellat, din naqset milli tippreċiża b'liema mod dan l-att huwa null jew għal liema dispożizzjoni tal-liġi qiegħda tirreferi meta tgħid li l-att promotur huwa null, sempliċiment għaliex ġie ppreżentat mill-avukat difensur tal-appellat meta l-appellat kien assenti minn Malta. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li anki t-tieni aggravju mhuwiex ġustifikat u tiċħdu.

[1] P.A.Q.Ċ., 30.06.2003.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta, billi tiċħdu, filwaqt li tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jisma’ l-każ fil-mertu.**

**L-ispejjeż ta’ dan l-appell huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**